



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13419/22
ADD 1

LIMITE

CORLX 908
CFSP/PESC 1315
RELEX 1319
MOG 95
CONUN 234
FIN 1055

NOTA

Suġġett: Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 1352/2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen
- Anness

ANNESS

L-entrata li ġejja tiżdied taħt is-subintestatura "A. Persuni" mal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 ("Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemminjati fl-Artikoli 1a u 2"):

"12. Ahmad Al-Hamzi

Kitba oriġinali: الحمزي أحمد

Deżinjazzjoni: Maġġur Ġeneral, Kmandant tal-Forza tal-Ajru u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru tal-Houthi **Data tat-Twelid:** 1985 **Post tat-twelid:** Sana'a, Yemen **Psewdonimu affidabbli:** mhux disponibbli **Psewdonimu anqas affidabbli:** a) Ahmad 'Ali al-Hamzi b) Ahmad 'Ali Ahsan al-Hamzi c) Ahmed Ali al-Hamzi d) Muti al-Hamzi **Nazzjonalità:** Jemen **Nru tal-Passaport:** mhux disponibbli **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** mhux disponibbli **Indirizz:** Jemen **Elenkat:** 4 ta' Ottubru 2022 **Informazzjoni oħra:** Ahmad al-Hamzi, il-kmandant tal-Forza tal-Ajru u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru tal-Houthi, kif ukoll il-programm tal-vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs) tagħhom, jaqdi rwol ewlieni fl-isforzi militari Houthi li jheddu direttament il-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Jemen. **Deskrizzjoni Fiżika:** Kulur tal-Għajnejn: Kannella; Xagħar: Kannella. **Link web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU:** <https://www.interpol.int/en/How-we-work/Notices/View-UN-Notices-Individuals>

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Skont it-taqsima 5(h) tal-Linji Gwida tiegħu, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà stabbilit skont ir-riżoluzzjoni 2140 jagħmel aċċessibbli taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ta' individwi, gruppi, impriżi u entitajiet inklużi fil-lista tas-sanzjonijiet tiegħu.

Data li fiha t-taqsira narrattiva saret disponibbli fuq is-sit web tal-Kumitat: 4 ta' Ottubru 2022.

Ahmad Al-Hamzi ġie elenkat fl-4 ta' Ottubru 2022 skont il-paragrafi 11 u 15 tar-riżoluzzjoni 2140 (2014), bħala li jissodisfa l-kriterji ta' deżinjazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 17 tar-riżoluzzjoni 2140 (2014), inkluż kif elaborat aktar mill-paragrafu 19 tar-riżoluzzjoni 2216 (2015).

Ahmad Al-Hamzi involva ruħu f'atti u pprovdha appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Jemen, inkluż ksur tal-embargo mmirat fuq l-armi.

Informazzjoni addizzjonali:

Waqf li serva bħala Kmandant tal-Forza tal-Ajru u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru Houthi, kif ukoll il-programm tal-UAVs tagħhom, al-Hamzi akkwista armi għall-użu fil-gwerra ċivili tal-Jemen bi ksur tal-embargo mmirat fuq l-armi kif stabbilit fil-paragrafu 14 tar-Risoluzzjoni 2216 (2015). Il-forzi militari Houthi taħt il-kmand tal-Maġġur Ġeneral Al-Hamzi wettqu attakki mmirati bil-UAVs. Al-Hamzi huwa responsabbli għall-organizzazzjoni ta' attakki mill-forzi Houthi li kellhom impatt fuq persuni ċivili Jemeniti, nazzjonijiet fil-fruntiera mal-Jemen, u bastimenti kummerċjali Jemeniti fl-ilmijiet internazzjonali.

Verifika tar-rwol militari attiv:

- Al-Sharea News (bl-Għarbi) - "L-Imħuħ wara l-Attakki mill-Houthi"
(<https://alsharaeanews.com/2021/03/08/54527/>) [Aċċessat fil-11 ta' Frar 2022]
("Mansour Al-Saadi u Ahmed Al-Hamzi, żewġ karattri misterjużi fil-forza tal-ajru u l-flotta navali tal-Houthi, qdew rwol kruċjali fil-gwerra fil-Jemen, u estendew l-influwenza tagħha biex b'hekk thedded l-artijiet Sawdin u s-sigurtà tal-Baħar l-Aħmar.")"
